TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 205/14/GB

**Omar Falzon**

**vs**

**Charles Micallef – Swimming Pools Ltd.**

Illum 3 ta' Dicembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-2 ta' Ottubru, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u tletin Ewro (€530.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal pompa li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema pompa kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara pompa ghal 'swimming pool' minghand is-socjeta' ntimata, ghal 'George's Seafront Restaurant', Bugibba, pero' din waqfet tahdem waqt li kienet taht garanzija. Illi ghalhekk, ir-rikorrent hadha lura ghand is-socjeta' ntimata biex tissewwa. Wara hmistax, is-socjeta' ntimata kienet informatu li ma kienitx ser issewiha taht il-garanzija ghaliex il-pompa kienet ġiet miftuha, pero' r-rikorrent baqa' jsostni li ma kellux raġuni ghalfejn jiftaħha l-pompa ghaliex kienet ghadha taht garanzija.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda bl-ispejjez stante illi:

1. Huwa tilef id-dritt li jkun kopert mill-garanzija, stante li meta ha l-pompa in kwistjoni ghand is-socjeta' ntimata, din kienet diga' ġiet imbaghabsa.

2. Illi l-pompa in kwistjoni ma ġietx installata skond is-sengha u l-arti.

3. Illi ir-rikorrent ma hax hsieb tal-pompa kif suppost.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma il-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.OF1.

In kontro-ezami, ir-rikorrent stqarr illi ma kienx jiftakar f'liema stat kien ha l-pompa ghand is-socjeta' ntimata, pero' jiftakar li l-'fan cover' kienet inkissritlu qabel ma hadha ghand is-socjeta' *ntimata. Mistoqsi dwar vit imkisser fil-parti ta' taht tal-'fan cover', ir-rikorrent stqarr* illi seta' kien li dan inkiser ukoll meta dahhal il-pompa fil-karozza. Huwa ma setax jiftakar jekk il-pajp kien fejn gie ndikat meta hadha ghat-tiswija, pero' kkonferma li l-'cable' kien kif hallieh hu, u cioe' imgongi. Ikkonferma li l-plakka kienet shiha u mhux imkissra, pero' rigwardanti l-hruq li fiha il-plakka, ma setax jiftakar jekk kienitx hekk meta hadielhom. Mistoqsi dwar il-'connection box' li *hemm mal-genb tal-pompa, ir-rikorrent stqarr illi* deherlu li meta ha l-pompa ghand is-socjeta' ntimata, kienet fuq, pero' ma setax jikkonferma bil-gurament. Huwa kkonferma wkoll illi s-socjeta' ntimata kienet ikkuntattjatu u qaltlu li l-pompa ma kienitx se tkun koperta mill-garanzija minhabba li fil-fehma taghha, il-pompa kienet diga' ġiet miftuha u qaltlu specifikament illi l-'connection box' instabet mal-genb u mhux fuq.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi d-'drain pipe' li llum jidher hiereg mill-genb tal-pompa, il-post tieghu propju huwa taht u mhux fuq il-genb kif qed jirrizulta llum. Rigward il-'fan cover' hemm vit nieqes fil-parti li kienet taqbad maghha l-'fan cover' u hemm vit iehor in-naha ta' taht bir-ras imtajjar. Is-socjeta' ntimata stqarret ukoll illi malli r-rikorrent kien gab il-pompa ghandha, kienet evidenti li l-pompa in kwistjoni kienet ġiet imbaghabsa u ghalhekk mhux koperta bil-garanzija, fejn immedjatament kienet informat lill-impjegat sabiex jinforma lir-rikorrent b'dan.

Is-socjeta' ntimata ezebiet brochure, li gie mmarkat bhala Dok.CM1, li jindika l-pompa kif tiġi mill-fabbrika, minn fejn jirrizulta li l-'connection box' tkun in-naha ta' fuq tal-mutur u dan

speċifikament għal raġunijiet ta' sigurtà f'każ li jaqa' xi ilma ma' l-art; flimkien ma' sett ritratti tal-pompa in kwistjoni li nhadu meta ttiehdet ghandha, li gew immarkati bhala Dok.CM2.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-pompa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jinnota illi bi qbil bejn il-partijiet, il-pompa in kwistjoni kienet ser tibqa' fil-pussess tas-socjeta' ntimata, stante li f'dan l-istadju r-rikorrent ma riedx jaċċetta l-pompa lura fil-pussess tieghu.

Ir-Tribunal jinnota wkoll illi, fuq domandi tieghu stess, ir-rikorrent ammetta illi l-pompa kienet ġiet installata, mhux mis-socjeta' ntimata, u ġewwa restaurant f'Bugibba, fejn kien hemm diversi nies li seta' kellhom aċċess ghall-pompa in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi jirrizulta ampjament car mill-provi prodotti, inkluż ix-xhieda xejn konvinċenti tar-rikorrent, illi l-pompa in kwistjoni kienet ġarrbet hsarat ferm qabel ma ttiehdet ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, u cioe' meta kienet ghadha tinsab fil-pussess tar-rikorrent, qed jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, u jordna li r-rikorrent jaccetta u jiehu lura fil-pussess tieghu l-pompa in kwistjoni, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**